**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 593/2021 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**RA u b'digriet tal-27 ta' Jannar 2022 kunjom l-attrici gie korrett ghal P**

**U**

**BA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RP u BA datat 2 ta' Dicembru 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewwgu fit-tletin (30) t'Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) (DOK A), u minn dan iz-zwieg kellhom tifla EA, li twieldet f'X ghalhekk ghadha minuri;*

2. *Illi l-partijiet ilhom de facto separati mill-erbatax (14) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u separati permezz ta' kuntratt in atti Dr Katia Farrugia Cachia tas-sitta u ghoxrin (26) t'Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) (DOK B);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom peress illi llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;*

5. *Illi r-rikorrenti BA dejjem hallas manteniment kif obbligat illi jaghmel ghall-minuri EA;*

6. *Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.*

   *Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

   a) *Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-tletin (30) t'Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;*

   b) *Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u*

   c) *Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet li permezz taghha iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza, (vide fol 9);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RP xehdet** (vide affidavit fol 10) illi l-partijiet izzewwgu nhar it-30 ta' Awwissu 2008, u li minn dan iz-zwieg kellhom tifla li ghadha minuri. Sostniet illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Katia Farrugia Cachia nhar is-26 ta' Awwissu 2020 izda ddikjarat illi kienu ilhom jghixu separatament sa mill-14 ta' Settembru 2018. Xehdet illi qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom. Di piu' sostniet illi ma hemm ebda

manteniment dovut bejniethom u lanqas versu it-tifla minuri.

**BA xehed** (vide affidavit fol 11) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Awwissu 2008, liema zwieg jgib certifikat numru 1540/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 8). Minn din l-unjoni twieldet tifla.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Katia Farrugia Cachia nhar is-26 ta' Awwissu 2020 (vide kuntratt ta' separazzjoni, fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1540/2008 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**